Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/966

20.5.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/966

## tal-20 ta' Mejju 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malinni tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill jikkunsidra li jenħtieġ li jiżdiedu 21 persuna fiżika u sitt persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja, (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2643/oj).

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2024/2643 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "17. | Alik Yuryevich KHUCHBAROV<br>Alik Yuryevich HUCHBAROV<br>Alik HUTŠBAROV<br>(bir-Russu: Алик Юрьевич ХУЧБАРОВ) | Funzjoni: operattiv tal-GRU<br>Data tat-twelid: 12.11.1992<br>Ċittadinanza: Russa, Estonjana<br>Sess: raġel<br>Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 601515903509 | Alik Khuchbarov kien responsabbli għall-ippjanar u t-tħejjija ta' operazzjoni fl-Estonja, li ġabet ħsara lill-proprjetà ta' personaġġi pubbliċi li tkellmu kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll vandaliżmu fuq monumenti relatati mat-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa u jagħmel dan, aġixxa taħt id-direzzjoni, fl-interessi u fuq it-talba tal-aġenzija tal-intelligence barranija militari (GRU) tar-Russja biex jimpjega awturi biex iwettqu l-attakki. L-attakki kienu mmirati lejn vetturi tal-Ministru għall-Intern tal-Estonja kif ukoll tal-kap editur ta' gazzetta bil-lingwa Russa. Is-servizzi tas-sigurtà tal-Estonja waqqfu attakki ulterjuri mmirati lejn personaġġi pubbliċi oħra. Barra minn hekk, diversi monumenti ta' tifkira fl-Estonja ġew vandalizzati, b'żebgħa mitfugħa u swastiki mpinġija fuqhom. L-għan tal-operazzjoni kien li toħloq biża', paniku u tensjoni fis-soċjetà Estonjana, u li tintimida lill-persuni li kkritikaw l-azzjonijiet u l-politiki tar-Russja. Għaldaqstant, Alik Khuchbarov huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fi Stat Membru bl-ippjanar u t-tmexxija ta' atti ta' vjolenza, inkluż attivitajiet biex isikktu, jintimidaw, jisfurzaw, jew iwettqu tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politika tal-Federazzjoni Russa. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Ilya Sergeevich BOCHAROV<br>Ilja BOTŠAROV<br>(bir-Russu: Илья Сергеевич БОЧАРОВ) | Funzjoni: operattiv tal-GRU<br>Data tat-twelid: 29.6.1991<br>Ċittadinanza: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 561410364291 | Ilya Bocharov kien responsabbli għall-ippjanar u t-tħejjija ta' operazzjoni fl-Estonja, li ġabet ħsara lill-proprjetà ta' personaġġi pubbliċi li tkellmu kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll vandaliżmu fuq monumenti relatati mat-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa u jagħmel dan, aġixxa taħt id-direzzjoni, fl-interessi u fuq it-talba tal-aġenzija tal-intelligence barranija militari (GRU) tar-Russja biex jimpjega awturi biex iwettqu l-attakki. L-attakki kienu mmirati lejn vetturi tal-Ministru għall-Intern tal-Estonja kif ukoll tal-kap editur ta' gazzetta bil-lingwa Russa. Is-servizzi tas-sigurtà tal-Estonja waqqfu attakki ulterjuri mmirati lejn personaġġi pubbliċi oħra. Barra minn hekk, diversi monumenti ta' tifkira fl-Estonja ġew vandalizzati, b'żebgħa mitfugħa u swastiki mpinġija fuqhom. L-għan tal-operazzjoni kien li toħloq biża', paniku u tensjoni fis-soċjetà Estonjana, u li tintimida lill-persuni li kkritikaw l-azzjonijiet u l-politiki tar-Russja. Għalhekk, Ilya Bocharov huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fi Stat Membru bl-ippjanar u t-tmexxija ta' atti ta' vjolenza, inkluż attivitajiet biex isikktu, jintimidaw, jisfurzaw jew iwettqu tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Federazzjoni Russa. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 19. | Elena KOLBASNIKOVA<br><br>(bir-Russu: Елена КОЛБАСНИКОВА) | Ċittadinanza: Ukrena, Russa<br><br>Data tat-twelid: 20.3.1975<br><br>Post tat-twelid: Dnipro, USSR (issa Ukraine)<br><br>Sess: mara | Elena Kolbasnikova hija ċittadina Russa b'rabtiet mill-qrib mar-Rossotrudnitschestwo, entità tal-istat Russu, u hija appoġġata finanzjarjament minnha. Kolbasnikova ħolqot strutturi politiċi mal-lemin estrem politiku antidemokratiku tal-Ġermanja b'appoġġ għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Ġiet ikkundannata għal diskors ta' mibegħda f'qorti tal-aħħar istanza wara li dgħajfet is-sovranità tal-Ukrajna u ddenunzjat l-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Ġermanja. Għadhom għaddejjin investigazzjonijiet kriminali dwar l-appoġġ tagħha għas-separatisti fid-Donbas permezz ta' tagħmir militari, ġbir ta' fondi u għoti ta' għajnuna lill-gruppi separatisti. Barra minn hekk, Kolbasnikova ħeġġet vjolenza li twettqet minn żewġha kontra dimostranti, u organizzat carcades biex tintimida minorenni Ukreni li kienu qed ifittxu rifuġju fil-Ġermanja.<br><br>B'hekk hija tappoġġa azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jimminaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz permezz ta' attivitajiet maħsuba biex idgħajfu l-proċess politiku demokratiku fil-Ġermanja. Hija tappoġġa wkoll azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu s-sigurtà ta' pajjiż terz (l-Ukrajna), billi tinstiga jew tiffaċilita kunflitt armat, permezz tal-appoġġ għal movimenti separatisti fl-Ukrajna.<br><br>Elena Kolbasnikova hija assoċjata ma' Rostislav Teslyuk, li huwa suġġett għal miżuri restrittivi. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 20. | Hüseyin DOGRU | Indirizz: Kavacık Mahallesi, Fatih Sultan Mehmet Caddesi, Tonoglu Block No.: 3, Beykoz, Istanbul, Turkey<br>Ċittadinanza: Torka<br>Sess: raġel | Hüseyin Doğru hu l-fundatur u rappreżentant ta' AFA Medya A.Ş. li hija kumpanija tal-media bbażata f'Istanbul. AFA Medya A.Ş. topera 'RED', li tikkonsisti f'diversi pjattaformi tal-midja, u lighandha rabtiet finanzjarji u organizzattivi mill-qrib ma' entitajiet u atturi ta' propaganda tal-istat Russi, u rabtiet strutturali fil-fond, inkluż interkonnessjonijiet bejn membri tal-persunal individwali u rotazzjoni tagħhom ma' organizzazzjonijiet tal-media tal-istat Russi.<br>RED użat il-pjattaformi tagħha tal-media – spiss taħt l-isem 'redstreamnet' jew 'thered.stream' – biex ixerred sistematikament informazzjoni falza dwar suġġetti politikament kontroversjali bl-għan li toħloq inkwiet etniku, politiku u reliġjuż fost l-udjenza tagħha predominantement Ġermaniża, inkluż billi xxandar in-narrattivi ta' gruppi terroristiċi Iżlamiċi radikali bħall-Ħamas.<br>Waqt okkupazzjoni vjolenti ta' università Ġermaniża bi protesta kontra Iżrael, membri tal-persunal ta' RED ikkoordinaw mal-parteċipanti f'dan l-irvell biex ixandru xbihat tal-vandaliżmu tagħhom - li kienu jinkludu simboli tal-Ħamas - bl-użu tal-kanali online tagħhom, u b'hekk ipprovdewlhom pjattaforma esklużiva tal-media.<br>Għaldaqstant, Hüseyin Doğru jappoġġa permezz ta' AFA Medya azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u fi Stat Membru inkluż billi indirettament jappoġġa u jiffaċiliilta dimostrazzjonijiet vjolenti u jieħu sehem f'manipulazzjoni ta' informazzjoni kkoordinata. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 21. | Yulia Sergeevna PROKHOROVA<br>(bir-Russu: Юлия Сергеевна ПРОХОРОВА) | Ċittadinanza: Russa<br>Data tat-twelid: 18.2.1992<br>Indirizz: Russia, United Arab Emirates.<br>Qabel Landshut, Bavaria, Germany<br>Sess: mara | Yulia Prokhorova hija ċittadina Russa. Kienet residenti l-Ġermanja sal-2024. Hija ssostni kampanja fuq il-media soċjali fejn ħeġġet il-ħela intenzjonali tal-enerġija fil-Ġermanja, biex tipprova tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. B'mod parallel, xerrdet miżinformazzjoni fil-media tal-istat Russi dwar il-provvista tal-enerġija, l-istat tad-dritt, u r-refuġjati Ukreni fil-Ġermanja.<br>Barra minn hekk, Yulia Prokhorova intimidat refuġjati Ukreni fl-Ewropa permezz ta' attakki pubbliċi u forom oħra ta' fastidju, li rrekordjat u xerrdet fuq l-internet.<br>B'hekk, Yulia Prokhorova tappoġġa azzjonijiet u politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew fi Stat Membru bl-użu ta' manipulazzjoni ta' informazzjoni u interferenza kkoordinati u billi indirettament tappoġġa azzjonijiet immirati kontra attivitajiet ekonomiċi u servizzi ta' interess pubbliku. | 20.5.2025 |
| 22. | Rostislav TESLYUK<br>(bir-Russu: Ростислав ТЕСЛЮК)<br>magħruf ukoll bħala<br>Max SCHLUND<br>(bir-Russu: Макс ШЛУНД) | Ċittadinanza: Russa<br>Data tat-twelid: 23.4.1982<br>Post tat-twelid: Moscow<br>Sess: raġel | Rostislav Teslyuk huwa ċittadin Russu b'rabtiet mill-qrib mar-Rossotrudnitschestwo, entità tal-istat Russu, u appoġġat finanzjarjament minnha. Rostislav Teslyuk ħoloq strutturi politiċi mal-lemin estrem politiku antidemokratiku tal-Ġermanja b'appoġġ għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Ghadhom għaddejjin investigazzjonijiet kriminali dwar l-appoġġ tiegħu għas-separatisti fid-Donbas permezz ta' tagħmir militari. Rostislav Teslyuk wettaq atti vjolenti kontra dimostranti u organizza carcades biex jintimida minorenni Ukreni li kienu qed ifittxu rifuġju fil-Ġermanja.<br>B'hekk huwa jappoġġa azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jimminaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz permezz ta' attivitajiet maħsuba biex idgħajfu l-proċess politiku demokratiku fil-Ġermanja u jiddestabbilizzaw l-Ukrajna, inkluż kampanji ta' ġbir ta' fondi għal gruppi separatisti u l-għoti ta' għajnuna lilhom. Huwa responsabbli wkoll għal azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu s-sigurtà ta' pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinstiga jew jiffaċilita kunflitt armat, permezz tal-appoġġ tiegħu għal movimenti separatisti fl-Ukrajna.<br>Rostislav Teslyuk huwa assoċjat ma' Elena Kolbasnikova, li hija suġġetta għal miżuri restrittivi. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 23. | Alina LIPP | Funzjoni: korrispondent tal-gwerra<br>Data tat-twelid: 17.9.1993<br>Post tat-twelid: Hamburg<br>Ċittadinanza: Ġermaniża<br>Sess: mara | Alina Lipp tmexxi l-blog 'Neues aus Russland', li fiha xxerred sistematikament miżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u tiddeleġittimizza l-gvern Ukren, speċjalment bil-ħsieb li timmanipula s-sentiment pubbliku Ġermaniż fir-rigward tal-appoġġ għall-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, qed tuża r-rwol tagħha bħala korrispondent tal-gwerra mal-forzi armati Russi fil-Lvant tal-Ukrajna biex ixxerred propaganda tal-gwerra Russa. Tidher regolarment fi spettakli ta' intratteniment tat-truppi u ta' propaganda fuq il-kanal televiżiv militari Russu Zvezda.<br>B'hekk, Alina Lipp timplimenta u tappoġġa azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu s-sigurtà u l-istabbiltà fl-Unjoni u f'pajjiż terz bl-użu ta' manipulazzjoni ta' informazzjoni u interferenza kkoordinati, u billi tisfrutta konflitt armat f'pajjiż terz. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 24. | Viktor Volodymyrovych MEDVEDCHUK<br><br>(bir-Russu: Виктор Владимирович МЕДВЕДЧУК) | Funzjoni: Politiku, negozjant, de facto sid tal-media<br><br>Data tat-twelid: 7.8.1954<br><br>Post tat-twelid: Pochet, Krasnoyarskyi Krai, Russian SFSR, USSR<br><br>Ċittadinanza: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Indirizz: Moscow<br><br>Identità tat-taxxa Ukrena (Код ДРФО): 1994214296 (void) | Viktor Medvedchuk huwa eks politiku u negozjant Ukren, li kien il-promotur ewlieni ta' politika favur ir-Russja fl-Ukrajna u li ppromwova politika u azzjonijiet maħsuba biex inawru l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-Gvern tal-Ukrajna. Viktor Medvedchuk għandu rabtiet personali mill-qrib, u huwa assoċjat, mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin.<br><br>Permezz tal-assoċjati tiegħu, inkluż Artem Marchevskyi, Viktor Medvedchuk ikkontrolla aġenziji tax-xandir Ukreni u użahom biex ixerred propaganda favur ir-Russja fl-Ukrajna u lil hinn minnha. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Viktor Medvedchuk xerred narrattivi ta' propaganda Russa dwar il-gwerra, li dgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, f'April 2023, Victor Medvedchuk waqqaf moviment politiku fir-Russju msejjaħ 'Anthea Ukraine' ('Ukrajna Oħra').<br><br>Mal-assoċjati u l-entitajiet assoċjati tiegħu, inkluż Artem Marchevskyi u l-istazzjon tax-xandir Voice of Europe, u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Russi, Viktor Medvedchuk kompla jiffinanzja u jwettaq operazzjonijiet ta' influwenza mmirati lejn partiti politiċi u politiċi individwali fl-Ewropa. Dawk l-attivitajiet kellhom l-għan li jappoġġaw l-interessi tal-politika barranija tal-Federazzjoni Russa u jifirxu l-influwenza tagħha, inkluż qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024. Dawk l-attivitajiet kienu jinkludu l-għoti ta' riżorsi finanzjarji lil atturi politiċi individwali fl-Ewropa, inkluż kandidati magħżula fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u għal kooperazzjoni ma' ġurnalisti. Viktor Medvedchuk mexxa u żamm kontroll fuq l-attivitajiet malinni ta' Artem Marchevskyi u l-Voice of Europe, bl-użu tat-tmexxija de facto tal-Voice of Europe minn Artem Marchevskyi.<br><br>Għaldaqstant, Viktor Medvedchuk huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ jew il-kisba ta' benefiċċju minn azzjonijiet jew politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija u l-istabbiltà fl-Unjoni u f'pajjiż terz, u li jdgħajfu s-sovranità jew l-indipendenza ta' diversi Stati Membri tagħha u tal-Ukrajna, permezz tal-ippjanar, it-tmexxija, it-twettiq jew faċilitazzjoni b'xi mod ieħor tal-ostruzzjoni jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024, u bl-ippjanar, it-tmexxija u t-twettiq ta' manipulazzjoni ta' informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 25. | Artem Pavlovich MARCHEVSKYI<br><br>Artem Pavlovich MARCHEVSKIJ<br><br>Artem Pavlovich MARCHEVSKIY<br><br>Artěm Pavlovič MARČEVSKIJ<br><br>Артем Павлович МАРЧЕВСЬКИЙ<br><br>Артем Павлович МАРЧЕВСКИЙ | Funzjoni: Politiku, produttur tax-xandir, propagandist<br><br>Data tat-twelid: 5.7.1988<br><br>Post tat-twelid: Kyiv, Ukrainian SFSR, USSR<br><br>Ċittadinanza: Ukrena, Iżraeljana<br><br>Sess: raġel<br><br>Indirizz: Hovorčovická 1079, 250 65 Líbeznice, Czech Republic<br><br>Identità tat-taxxa Ukrena (Код ДРФО): 3232824038 | Artem Marchevskyi huwa eks politiku Ukren assoċjat mill-qrib ma’ Viktor Medvedchuk, eks politiku u negozjant Ukren b’rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu fil-partit pro-Russu ‘Opposition Platform – For Life’ u fuq stazzjon televiżiv involut fi propaganda favur ir-Russja, Artem Marchevskyi appoġġa u pprovda assistenza lil Viktor Medvedchuk mill-2018 sal-2021. Artem Marchevskyi u Viktor Medvedchuk komplew jikkoordinaw wara li t-tnejn li huma ħallew l-Ukrajna wara l-invażjoni Russa fl-2022, b’Viktor Medvedchuk imexxi u jikkontrolla l-attivitajiet ta’ Artem Marchevskyi li jiffaċilitaw il-bini tan-network ta’ influwenza ta’ Medvedchuk fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.<br><br>Artem Marchevskyi kellu rwol strumentali fit-tixrid miftiehem ta’ diżinformazzjoni u narrattivi żbilanċjati mmirati biex jappoġġaw l-interessi tal-politika barranija tal-Federazzjoni Russa u fit-tixrid tal-influwenza tagħha, inkluż qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024, billi jdgħajfu l-kredibbiltà u l-immaġini pubblika tal-Ukrajna u l-isforzi tagħha biex tiddefendi ruħha mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja. Artem Marchevskyi kellu rwol ewlieni fl-akkwist tal-marka tax-xandir Voice of Europe u l-inkorporazzjoni tal-attività tagħha f’kumpanija tal-istess isem. Bħala l-kap mistur tal-‘Voice of Europe’, Artem Marchevskyi uża l-kumpanija biex jgħaddi riżorsi finanzjarji assenjati għall-ħlas lil propagandisti, u biex jibni network ta’ influwenza li tikkollega lil Medvedchuk u l-assoċjati tiegħu ma’ rappreżentanti ta’ partiti politiċi fl-Ewropa.<br><br>Għaldaqstant, Artem Marchevskyi huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, appoġġ għal u li jibbenefika minn azzjonijiet jew mill-politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija u l-istabbiltà fl-Unjoni u fl-Ukrajna, u li jdgħajfu s-sovranità jew l-indipendenza ta’ diversi Stati Membri tagħha u tal-Ukrajna, permezz tat-twettiq jew faċilitazzjoni b’xi mod ieħor tal-ostruzzjoni jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku u bl-ippjanar, it-tmexxija u t-twettiq ta’ manipulazzjoni ta’ informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 26. | Natallia SUDLIANKOVA<br>Natallia SUDLENKOVÁ (ŠEVKOVÁ)<br>Natalia SUDLENKOVÁ<br>Natalia SUDLIANKOVÁ (ŠEVKOVÁ)<br>Natalija SUDLIANKOVÁ (ŠEVKOVÁ)<br>Наталья СУДЛЕНКОВА (ШЕВКО)<br>Psewdonimu:<br>Natalyia KORNELYUK<br>Наталья КОРНЕЛЮК | Funzjoni: Ġurnalista, Konsulent tal-Media u tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Koordinatriċi<br>Data tat-twelid: 9.6.1964<br>Post tat-twelid: Belarus<br>Ċittadinanza: Belarussa<br>Sess: mara<br>Indirizz: Borovanského 2381/22, 155 00 Prague, Czech Republic<br>Dokumenti tal-identità: Dokument tal-ivvjaġġar: U0002974, validu sat-18.3.2031<br>Permess ta' residenza: 001631077, validu sat-13.3.2034 | Natallia Sudliankova hija ġurnalista u konsulent tal-media u tar-relazzjonijiet pubbliċi li kienet qed tipproduċi prodotti għall-media magħmulin apposta li kien fihom il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u t-tixrid ta' narrattivi qarrieqa bl-għan li tappoġġa l-interessi tal-politika barranija tal-Federazzjoni Russa u bl-għan li ddgħajjef il-fiduċja pubblika lejn il-valuri u l-proċessi demokratiċi nazzjonali taċ-Ċekja u tal-Unjoni Ewropea. Sudliankova kienet qed tirċievi missjonijiet fuq perjodu ta' żmien twil u ngħatat rikumpens finanzjarju.<br>Hija taqdi rwol sinifikanti fl-ippjanar u t-tmexxija ta' manipulazzjoni koordinata tal-informazzjoni mmirata lejn il-pubbliku fir-Repubblika Ċeka u fi Stati Membri oħra, u tikkoopera ma' entitajiet statali Russi (Rosatom, Pravfond), entitajiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-Federazzjoni Russa (Immortal Regiment of Russia), u Alexej Nikolayevich Shavrov, uffiċjal tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Sudliankova kellha rwol attiv fl-iskreditar tal-politika tas-sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea billi użat kontenut li jiffavorixxi l-interessi tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Għaldaqstant, Natallia Sudliankova kienet qed timplimenta u tappoġġa azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija u l-istabbiltà fl-Unjoni u fl-Ukrajna, u li jdgħajfu s-sovranità jew l-indipendenza ta' bosta Stati Membri tagħha u tal-Ukrajna, permezz tal-ippjanar, it-tmexxija u l-involviment fl-użu ta' manipulazzjoni koordinata tal-informazzjoni. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 27. | Iurie NECULITI<br>(bir-Russu: Юрие НЕКУЛИТИ) | Funzjoni: Uffiċjal kap eżekuttiv ta' Stark Industries<br>Ċittadinanza: Republic of Moldova<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 71-75 Shelton Street, Covent Garden, London, United Kingdom; Chisinau, Republic of Moldova Post tat-twelid: Bender, Republic of Moldova | Iurie Neculiti huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Stark Industries Solutions Ltd., servizz tal-hosting tal-web irreġistrat bħala kumpanija maildrop fir-Renju Unit. Il-kumpanija tipprovdi hosting ta' servers, b'servers madwar id-dinja kollha.<br>Il-kumpanija Stark tippermetti lil diversi atturi sponsorizzati mill-istat Russu u affiljati miegħu jwettqu attivitajiet destabilizzanti inkluż manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u ċiberattakki kontra l-Unjoni u pajjiżi terzi billi tipprovdi servizzi maħsuba biex jaħbu dawn l-attivitajiet mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà Ewropej.<br>Għaldaqstant, bħala uffiċjal kap eżekuttiv ta' Stark Industries Solutions Ltd., Neculiti qed jappoġġa azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jheddu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, f'wieħed mill-Istati Membri tagħha u f'pajjiż terz, billi jiffaċilita l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u billi jiffaċilita azzjonijiet immirati kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku.<br>Iurie Neculiti huwa assoċjat ma' Ivan Neculiti u ma' Stark Industries. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 28. | Ivan NECULITI<br>(bir-Russu: Иван НЕКУЛИТИ) | Funzjoni: Uffiċjal kap eżekuttiv ta' Stark Industries u ta' PQ Hosting<br>Ċittadinanza: Repubblika tal-Moldova<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 71-75 Shelton Street, Covent Garden, London, United Kingdom; Chisinau, Republic of Moldova<br>Post tat-twelid: Bender, Moldova | Ivan Neculiti huwa s-CEO ta' Stark Industries Solutions Ltd., servizz tal-hosting tal-web irreġistrat bħala kumpanija maildrop fir-Renju Unit. Il-kumpanija tipprovdi hosting ta' servers b'servers madwar id-dinja kollha.<br>Il-kumpanija Stark tippermetti lil diversi atturi sponsorizzati mill-istat Russu u affiljati miegħu jwettqu attivitajiet destabilizzanti, inkluż manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u ċiberattakki kontra l-Unjoni u pajjiżi terzi billi tipprovdi servizzi maħsuba biex jaħbu dawn l-attivitajiet mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà Ewropej.<br>Ivan Neculiti huwa assoċjat ma' Iurie Neculiti u ma' Stark Industries.<br>Għaldaqstant, bħala s-CEO ta' Stark Industries Solutions Ltd., Neculiti qed jappoġġa azzjonijiet mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jheddu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, f'wieħed mill-Istati Membri tagħha u f'pajjiż terz, billi jiffaċilita l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u billi jiffaċilita azzjonijiet immirati kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 29. | Andrei KHARKOVSKY<br>(bir-Russu: Андрей ХАРКОВСКИЙ) | Funzjoni: Membru ewlieni tal-Union of Cossack Warriors of Russia and Abroad<br>Ċittadinanza: Russa<br>Post tat-twelid: Tomsk Region, Russia<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Germany | Andrei Kharkovsky huwa ċittadin Russu li jgħix il-Ġermanja. Fil-Ġermanja, Kharkovsky jaġixxi bħala rappreżentant tal-Union of Cossack Warriors of Russia and Abroad inkluż billi jorganizza laqgħat ta' stil militari għall-membri tagħha. Il-Union of Cossack Warriors of Russia and Abroad hija entità marbuta mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u li tieħu sehem fil-gwerra ta' aggressjoni u fl-atti ta' vjolenza tar-Russja fl-Ukrajna b'appoġġ għas-separatisti favur ir-Russa taħt il-premessa ta' 'missjoni storika' biex jerġa' jiġi stabbilit il-kontroll Russu fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Ukrajna.<br>Andrei Kharkovsky għaldaqstant qed jappoġġa azzjonijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu s-sovranità u s-sigurtà tal-Ukrajna billi jipprova jwaqqa' l-ordni kostituzzjonali tal-Ukrajna. | 20.5.2025 |
| 30. | Anatoli Yurevich ABRAMOV<br>Anatoly Yurievich ABRAMOV<br>(bir-Russu: Анатолий Юрьевич АБРАМОВ) | Funzjoni: Direttur tal-fergħa tal-General Radio Frequency Centre fid-Distrett Federali tal-Majjistral<br>Ċittadinanza: Russa<br>Sess: raġel | Anatoly Abramov huwa d-direttur tal-fergħa tal-General Radio Frequency Centre fid-Distrett Federali tal-Majjistral. Il-kapijiet tal-fergħa jinħatru u jitkeċċew mid-Direttur tal-GRFC bi qbil ma' Roskomnadzor, u jaġixxu f'isem il-GRFC.<br>Huwa jissorvelja l-użu ta' frekwenzi tar-radju u tagħmir fir-reġjun ta' Kaliningrad.<br>Dan l-aħħar, irriżulta li l-problemi tas-sinjali tal-GPS f'bosta pajjiżi Ewropej ġejjin minn attivitajiet ta' gwerra elettronika minn Kaliningrad, inkluż disturbazzjoni u spoofing ta' sinjali tal-GPS li jaffettwaw l-aktar lill-Istati Baltiċi. Dawn l-attivitajiet fixklu l-avjazzjoni ċivili. L-approvazzjoni tal-GRFC hija parti minn proċess b'erba' passi li l-entitajiet huma meħtieġa jissodisfaw biex jiksbu permess għall-użu tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju. L-għarfien tal-GRFC huwa pass meħtieġ qabel ma jittieħdu passi oħra fil-proċess.<br>Għaldaqstant, Anatoly Abramov huwa responsabbli li ppjana, idderieġa, kien involut fi, direttament jew indirettament, appoġġa jew iffaċilita b'xi mod ieħor azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'bosta Stati Membri tagħha bl-involviment f'azzjonijiet li għandhom fil-mira tagħhom il-funzjonament tal-infrastruttura kritika. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 31. | Ruslan Vasilyevich NESTERENKO<br>Ruslan Vasilievich NESTERENKO<br>(bir-Russu: Руслан Васильевич НЕСТЕРЕНКО) | Funzjoni: Aġent Direttur Ġenerali tal-GRFC<br>Ċittadinanza: Russa<br>Sess: raġel | Ruslan Nesterenko huwa l-aġent direttur ġenerali tal-General Radio Frequency Centre (GRFC). Huwa jissorvelja l-użu ta' frekwenzi tar-radju u jaċċerta li jkun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni.<br>Dan l-aħħar, irriżulta li l-problemi tas-sinjali tal-GPS f'bosta pajjiżi Ewropej ġejjin minn attivitajiet ta' gwerra elettronika minn Kaliningrad, ir-Russja, inkluż disturbazzjoni u spoofing ta' sinjali tal-GPS li affettwaw l-aktar lill-Istati Baltiċi u fixklu l-avjazzjoni ċivili. L-approvazzjoni tal-GRFC hija parti minn proċess b'erba' passi li l-entitajiet huma meħtieġa jissodisfaw biex jiksbu permess għall-użu tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju. L-għarfien tal-GRFC huwa pass meħtieġ qabel ma jittieħdu passi oħra fil-proċess.<br>Taħt it-tmexxija ta' Nesterenko, il-GRFC hija involuta fl-ippjanar u fl-appoġġ ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza koordinati li jolqtu l-Istati Membri tal-Unjoni. Skont il-Karta GRFC, id-direttur ġenerali jirrappreżenta l-interessi tal-intrapriża fir-Russja u lil hinn mill-fruntieri tagħha.<br>Għaldaqstant, Ruslan Nesterenko huwa responsabbli li ppjana, idderieġa, kien involut fi, direttament jew indirettament, appoġġa jew iffaċilita b'xi mod ieħor azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'bosta Stati Membri tagħha bl-involviment f'azzjonijiet li għandhom fil-mira tagħhom il-funzjonament tal-infrastruttura kritika. | 20.5.2025 |



ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/966/oj

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 32. | Viktor Aleksandrovitch LUKOVENKO<br>(bir-Russu: Виктор Александрович ЛУКОВЕНКО)<br>magħruf ukoll bħala<br>Viktor VASILEV<br>(bir-Russu: Виктор ВАСИЛЬЕВ) | Funzjoni: Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet 'African Initiative'<br>Data tat-twelid: 6.4.1985<br>Ċittadinanza: Użbeka<br>Sess: raġel | Viktor Lukovenko ilu diversi snin attiv fil-kontinent Afrikan, qabel bħala membru tal-Wagner Group u issa bħala l-kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet 'African Initiative'. Huwa involut fit-tixrid ta' propaganda Russa fil-kontinent. Huwa marbut ma' personaġġi magħrufin sew tal-propaganda Russa fl-Afrika, bħal Kemi Seba. Barra minn hekk, Viktor Lukovenko intbagħat l-Ukrajna fl-2022 qabel il-gwerra, taħt is-superviżjoni ta' kurunell tal-GRU, sabiex jirrekluta simpatizzanti favur ir-Russja.<br>Għaldaqstant, Viktor Lukovenko huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ jew il-benefiċċju minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Unjoni, billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament u indirettament fi, jappoġġa u jiffaċilita l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 33. | Oleg Anatoliyovych VOLOSHIN<br>(bl-Ukren: Олег Анатолійович Волошин;<br>bir-Russu:Олег Анатольевич Волошин) | Ċittadinanza: Russa<br>Data tat-twelid: 7.4.1981<br>Post tat-twelid: Nikolaev, USSR (issa Ukraine)<br>Nru tal-passaport: ET870130<br>Nru tal-ID: 1981040705733; 2968200719<br>Sess: raġel | Oleg Voloshin huwa eks membru tal-parlament Ukren u membru tal-partit politiku favur ir-Russja Opposition Platform for Life (OPFL). Jagħmel parti min-network responsabbli għal 'Voice of Europe' u huwa attiv fuq Golos.eu u PolitWera, it-tnejn li huma pjattaformi li jxerrdu diżinformazzjoni u narrattivi favur ir-Russja. Kien involut f'pagamenti ta' tixħim li saru lil politiċi tal-Punent.<br>Oleg Voloshin uża l-pożizzjoni tiegħu bħala delegat Ukren għall-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (2019-2023) biex jimplimenta l-istrateġija ta' interferenza Russa fl-Ewropa mmexxija mill-oligark favur ir-Russja Viktor Medvedchuk, li jmexxi l-OPFL.<br>B'mod partikolari, Voloshin ippromwova l-'pjan ta' paċi' għall-Ukrajna ta' Medvedchuk, li huwa marbut man-narrattiva Russa dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Sabiex jikseb l-appoġġ tar-rappreżentanti eletti Ewropej għall-kawża tiegħu, huwa organizza konferenzi ma' membri parlamentari Franċiżi u Ġermaniżi, li fihom argumenta li l-'format tan-Normandija' (Franza, il-Ġermanja, l-Ukrajna, ir-Russja) għandu hekk imsejħa dimensjoni parlamentari li ma taqa' taħt ebda qafas uffiċjali. L-aktar avvenimenti reċenti ġie organizzat minn Voloshin fis-Senat Franċiż fil-11 ta' Frar 2022 ('Peace process in Ukraine: how to break the deadlock'), ftit jiem qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mill-armata Russa.<br>B'hekk, Oleg Voloshin huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ jew il-benefiċċju minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż il-Ġermanja, billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament u indirettament fi, it-tfixkil u l-imminar tal-proċess politiku demokratiku. | 20.5.2025 |

|  | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 34. | Justine Blaise TAGOUH<br><br>(bir-Russu: Жюстин Блез ТАГУ) | Funzjoni: CEO tal-grupp tal-istampa International Afrique Media (IAM), li jinkludi l-istazzjon televiżiv Afrique Média, l-analiżi tal-istampa IAM u Courrier Confidentiel<br><br>Data tat-twelid: 1959<br><br>Sess: raġel | Justin Tagouh huwa s-CEO tal-grupp tal-istampa International Africa Media. Dan il-grupp tal-media għandu rabtiet diretti mal-awtoritajiet Russi, u jxerred in-narrattiva Russa u n-narrattiva kontra l-Punent fil-pajjiżi Afrikani.<br><br>Justin Tagouh huwa għaldaqstant responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u l-benefiċċju minn azzjonijiet jew politiki tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Unjoni u ta' bosta Stati Membri tagħha billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fi, jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |
| 35. | Mikhaïl Mikhaïlovich PRUDNIKOV<br><br>magħruf ukoll bħala<br><br>'Micha'<br><br>(bir-Russu: Михаил Михайлович Прудников) | Funzjoni: Membru ta' Africa Politology, entità responsabbli għad-diżinformazzjoni u l-propoganda Russa fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br><br>Post tat-twelid: Tambov Oblast<br><br>Ċittadinanza: Russa<br><br>Sess: raġel | Mikhaïl Prudnikov huwa attivist favur id-diżinformazzjoni Russa li jopera fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) li għandu rabtiet mill-qrib mad-dinja ta' Wagner u l-kampanja ta' diżinformazzjoni li qed issir fir-RĊA minn diversi gazzetti u networks. B'mod partikolari, żviluppa narrattiva kontra l-pajjiżi tal-Punent u pparteċipa f'azzjonijiet ta' komunikazzjoni biex idgħajjef u jhedded ir-reputazzjoni tal-Unjoni fir-RĊA.<br><br>Mikhaïl Prudnikov huwa għaldaqstant responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u l-benefiċċju minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Unjoni, f'bosta Stati Membri tagħha billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fi, jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 36. | Sylvain AFOUA<br>(bir-Russu: Сильвен АФУА)<br>magħruf ukoll bħala<br>Egountchi BEHANZIN<br>(bir-Russu: Эгунчи БЕХАНЗИН) | Funzjoni: Fundatur tal-grupp pan-Afrikan 'Ligue de défense noire Africaine' (LDNA).; influwenzatur/attivist magħruf taħt il-psewdonimu 'Egountchi Behanzin'<br>Data tat-twelid: 5.11.1988<br>Post tat-twelid: Madjikpeto, Togo<br>Ċittadinanza: Franċiża, Togoliża<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 61 Avenue D'Alfortville 94600 Choisy-le-Roi; 1 Résidence des Avelines 91940 Les Ulis<br>Numru tat-telefown: 0762655132 / 0753721831<br>Sit web: www.egountchibehanzin.com | Sylvain Afoua huwa attivist kontra l-Punent, fundatur tal-'*Ligue de défense noire Africaine*' (LDNA) 'Black African Defence League', grupp involut f'attakki bi sparar fuq it-territorju Franċiż. L-istruttura ġiet xolta fid-29 ta' Settembru 2021 b'digriet ministerjali Franċiż talli xerrdet ideoloġija li tippromwovi l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza. Sylvain Afoua ixerred narrattivi u miżinformazzjoni Russi dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, li jwettaq b'mod partikolari fil-kontinent Afrikan. Il-messaġġ tiegħu huwa trażmess permezz ta' networks soċjali u s-sit web tal-assoċjazzjoni tiegħu. Regolarment jiġi mistieden fil-fora Russi u barra minn hekk huwa marbut finanzjarjament ma' Wagner Group.<br>Sylvain Afoua huwa għaldaqstant responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u l-benefiċċju minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Unjoni, f'bosta Stati Membri tagħha billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fi, jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 37. | Thomas RÖPER<br><br>(bir-Russu: Томас Рёпер) | Funzjoni: korrispondent tal-gwerra<br><br>Data tat-twelid: 26.11.1971<br><br>Post tat-twelid: Bremen<br><br>Ċittadinanza: Ġermaniża<br><br>Sess: raġel | Thomas Röper huwa blogger Ġermaniż. Permezz tan-network tiegħu ta’ mezzi online bl-isem ‘Anti-Spiegel’ huwa jxerred sistematikament miżinformazzjoni dwar il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jiddeleġittimizza l-gvern Ukren, speċjalment bil-ħsieb li jimmanipula s-sentiment pubbliku Ġermaniż fir-rigward tal-appoġġ lill-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk, jilleġittima l-annessjoni illegali mir-Russja tat-territorju Ukren billi jaqdi r-rwol ta’ ‘osservatur’ elettorali u jipparteċipa f’kampanja li tippromwovi r-referendum illegali tar-Russja dwar is-seċessjoni tat-territorji okkupati Russi mill-Ukrajna. Barra minn hekk hu serva bħala kelliem għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa biex ixerred narrattivi ta’ propoganda Russa, inkluż fil-forum Arria tan-NU.<br><br>Thomas Röper huwa għaldaqstant involut fl-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u fl-appoġġ tagħhom, kif ukoll jiffaċilita kunflitt armat f’pajjiż terz. Huwa assoċjat ukoll ma’ Alina Lipp. | 20.5.2025.” |

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "4. | AFA Media magħrufa ukoll bħala RED<br><br>AFA Medya Anonim Şirketi psewdonimu RED<br><br>AFA Медиа | Indirizz: Kavacık Mahallesi, Fatih Sultan Mehmet Caddesi, Tonoglu Block No.: 3, Beykoz, Istanbul, Turkey<br><br>Tip ta' entità: kumpanija tal-media<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Istanbul<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 22.11.2022<br><br>Nru tal-VAT: 0081804196<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni 423277-5<br><br>Sede prinċipali: TurkeyWebsite: https://thered.stream/imprint/<br><br>Fundatur: Hüseyin Dogru | AFA Medya A.Ş. hija kumpanija tal-media bbażata f'Istanbul. AFA MEDYA A. Ş. topera 'RED', li tikkonsisti f'għadd ta' pjattaformi, u li għandha rabtiet finanzjarji u organizzattivi mill-qrib ma' entitajiet u atturi ta' propaganda tal-istat Russi, u li taqsam rabtiet strutturali fil-fond inkluż interkonnessjonijiet bejn membri tal-persunal individwali u rotazzjoni tagħhom ma' organizzazzjonijiet tal-media tal-istat Russu.<br><br>RED użat il-pjattaformi tagħha tal-media – spiss taħt l-isem 'redstreamnet' jew 'thered.stream' – biex ixerred sistematikament informazzjoni falza dwar suġġetti politikament kontroversjali bl-għan li toħloq inkwiet etniku, politiku u reliġjuż fost l-udjenza tagħha predominantement Ġermaniża, inkluż billi xxandar in-narrattivi ta' gruppi terroristiċi Iżlamiċi radikali bħall-Ħamas.<br><br>Waqt l-okkupazzjoni vjolenti ta' università Ġermaniża f'irvell kontra Iżrael, membri tal-persunal ta' RED ikkoordinaw mal-parteċipanti fl-irvell biex ixandru l-vandaliżmu tagħhom - li kien jinkludi l-użu ta' simboli tal-Ħamas - permezz tal-kanali online tar-RED, u b'hekk ipprovdewlhom pjattaforma esklużiva tal-media.<br><br>Għaldaqstant AFA Medya Anonim Şirketi tappoġġa azzjonijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, inkluż billi tappoġġa u tiffaċilita b'mod indirett dimostrazzjonijiet vjolenti u tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni ta' informazzjoni kkoordinata. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 5. | Voice of Europe<br><br>(bir-Russu: Голос Европы) | Indirizz: Krakovská 583/9, 110 00 Prague, Czech Republic<br><br>Sit web: www.voiceofeurope.com, www.voiceofeurope.eu<br><br>Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata (s.r.o.)<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Prague<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.3.2023<br><br>Numru ta’ reġistrazzjoni: CZ05185327<br><br>Sede prinċipali: Czech Republic | Voice of Europe hija aġenzija tax-xandir online, involuta f’kampanja internazzjonali sistemika ta’ manipulazzjoni tal-media u ta’ distorsjoni tal-fatti permezz tas-sit web tagħha u l-kontijiet tagħha fuq Facebook, Youtube, Telegram u X. Voice of Europe xxerred diżinformazzjoni miftiehma relatata mal-Ukrajna, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha bl-għan li tappoġġa l-interessi tal-politika estera tal-Federazzjoni Russa. Dgħajfet b’mod sistematiku l-immaġni pubblika tal-Ukrajna u l-isforzi tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja, u l-kredibilità tal-assistenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għad-difiża tal-Ukrajna, inkluż qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024.<br><br>Voice of Europe ġiet iffinanzjata u mmexxija b’mod sigriet minn Viktor Medvedchuk, politiku u negozjant Ukren pro-Russu b’rabtiet mill-qrib mat-tmexxija tal-Federazzjoni Russa, permezz tas-soċju tiegħu Artem Marchevskyi. Voice of Europe intużat biex jingħataw riżorsi finanzjarji maħsuba għar-rimunerazzjoni ta’ propagandisti u l-bini ta’ network ta’ influwenza li jgħaqqad lil Medvedchuk u lis-soċji tiegħu mar-rappreżentanti tal-partiti politiċi fl-Ewropa. Għaldaqstant, Voice of Europe kienet involuta f’attivitajiet li jiffaċilitaw il-bini tan-network ta’ influwenza ta’ Viktor Medvedchuk fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.<br><br>Bl-attivitajiet tagħha, Voice of Europe kienet qed timplimenta u tappoġġa azzjonijiet jew politiki tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija u l-istabbiltà fl-Unjoni u fl-Ukrajna, u li jdgħajfu s-sovranità jew l-indipendenza ta’ bosta Stati Membri tagħha, permezz tal-involviment jew l-iffaċilitar b’xi mod ieħor tat-tfixkil jew id-dgħajfin tal-proċess politiku demokratiku, inkluż l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024, u permezz tal-involviment fl-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 6. | Norebo JSC | Indirizz: Office 510, 43 Schmidta Street, 183038 Murmansk, Russian Federation<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Murmansk<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 2.11.2007<br><br>Numru ta' reġistrazzjoni: 1201000007889<br><br>TIN / KPP: 2901170107 / 519001001 | Norebo JSC hija kumpanija tas-sajd Russa. Il-bastimenti li huma proprjetà ta' Norebo JSC u operati minnha juru xejriet partikolari ta' moviment li huma inkonsistenti mal-prattika ekonomika u mal-attivitajiet tas-sajd regolari. Dawn ix-xejriet ta' moviment jallinjaw ma' objettivi malizzjużi, bħal viċinanza ripetuta għal infrastruttura kritika u miri militari u tlajjar. Għalhekk, dawn il-movimenti kienu marbuta, inkluż mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u ta' stati terzi, mal-kampanja ta' sorveljanza Russa sponsorjata mill-istat li timpjega fost l-oħrajn bastimenti tas-sajd tat-tkarkir ċivili, biex jitwettqu missjonijiet ta' spjunaġġ diretti kontra l-infrastruttura ċivili u militari fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku. Dawn l-attivitajiet jistgħu jiffaċilitaw operazzjonijiet futuri ta' sabotaġġ. Il-bastimenti tat-tbaħħir li huma proprjetà ta' Norebo JSC u operati minnha ġew mgħammra wkoll b'teknoloġija li tista' tintuża għall-ispjunaġġ. Bastiment ta' Norebo ġie pprojbit milli jidħol fil-faċilitajiet tal-port Netherlandiżi minħabba l-ispjunaġġ.<br><br>Norebo JSC irċeviet ukoll bosta self mingħand Sberbank, bank tal-istat Russu.<br><br>Barra minn hekk, f'Lulju 2022 ir-Russja ħarġet id-'duttrina marittima' l-ġdida tagħha, li tenfasizza l-importanza strateġika tal-bastimenti ċivili u l-ekwipaġġi tagħhom għall-prontezza marittima, inkluż billi tippreparahom għal żmien ta' gwerra u tippermettilhom li jintużaw bħala forzi armati fi żmien ta' paċi.<br><br>Għaldaqstant Norebo JSC timplimenta u tappoġġa azzjonijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu s-sigurtà fl-Unjoni, bosta Stati Membri tagħha u pajjiżi terzi billi tinvolvi ruħha u tappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jinterferixxu fl-infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura sottomarina. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 7. | Murman SeaFood<br><br>(bir-Russu: Мурман СиФуд, Мурманские морепродукты) | Indirizz: Ulitsa Karla Marksa, 28, Murmansk, Murmansk Oblast, Russia, 183025<br><br>Tip ta' entità: kumpanija b'responsabbiltà limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Murmansk | Murman SeaFood (MSF) hija kumpanija tas-sajd Russa. Melkart-5 (bir-Russu Мелькарт–5), bastiment propjetà ta' MSF u operat minnha, wera b'mod ripetut imġiba mhix tipika u prattiki ta' navigazzjoni mhux konsistenti mal-attivitajiet tas-sajd normali tagħha, inkluż preżenza mill-qrib tagħha ma' eżerċizzju militari tan-NATO li kien għaddej, u preżenza mill-qrib b'mod regolari ta' infrastruttura kritika u siti militari Norveġiżi. B'mod partikolari Melkart-5 wera prattiki ta' navigazzjoni tassew mhux tas-soltu fil-viċinanza immedjata ta' kejbil sottomarin fil-Baħar tat-Tramuntana Norveġiż qabel ma l-kejbil ġarrab ħsara kbira. Barra minn hekk, l-ekwipaġġ ta' Melkart-5 kiser regolamenti dwar il-ħatt l-art filwaqt li nqabad jinvestiga b'mod klandestin pont Norveġiż kritiku għal finijiet loġistiċi militari.<br><br>Barra minn hekk, f'Lulju 2022 ir-Russja ħarġet id- 'duttrina marittima' l-ġdida tagħha, li tenfasizza l-importanza strateġika tal-bastimenti ċivili u l-ekwipaġġi tagħhom għall-prontezza marittima, inkluż billi tippreparahom għal żmien ta' gwerra u tippermettilhom li jintużaw bħala forzi armati fi żmien ta' paċi.<br><br>Għaldaqstant MSF timplimenta u tappoġġa azzjonijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu s-sigurtà fl-Unjoni, bosta Stati Membri tagħha u pajjiżi terzi billi tinvolvi ruħha f'azzjonijiet li għandhom l-għan li jinterferixxu fl-infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura sottomarina. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 8. | Federal State Unitary Enterprise 'Main Radio Frequency Centre'<br>General Radio Frequency Centre<br>GRFC<br>Федеральное Государственное Унитарное Предприятие 'Главный Радиочастотный Центр'<br>ФГУП 'ГРЧЦ' | Indirizz: 7, Derbenevskaya nab. 7 p., Moscow 115114. 15<br>115114, город Москва, Дербеневская наб, д. 7 стр. 15<br>Tip ta' entità: Aġenzija federali<br>Post tar-reġistrazzjoni:, Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 30.3.2001<br>BIN: 1027739334479<br>INN: 7706228218<br>KPP: 772501001<br>Sede prinċipali: Russia | Il-General Radio Frequency Centre (GRFC) hija responsabbli biex tiżgura l-użu xieraq tal-frekwenzi tar-radju u apparati għal finijiet militari, u tissorvelja l-konformità mal-leġiżlazzjoni. Hija waħda mill-organizzazzjonijiet prinċipali li tikkontribwixxi għal deċiżjonijiet dwar l-użu u s-superviżjoni tas-settur tal-frekwenzi tar-radju.<br>Dan l-aħħar, irriżulta li l-problemi tas-sinjali tal-GPS f'bosta pajjiżi Ewropej ġejjin minn attivitajiet ta' gwerra elettronika minn Kaliningrad, inkluż disturbazzjoni u spoofing ta' sinjali tal-GPS li jaffettwaw l-aktar lill-Istati Baltiċi. Dawn l-attivitajiet fixklu l-avjazzjoni ċivili. L-approvazzjoni tal-GRFC hija parti minn proċess b'erba' passi li l-entitajiet huma meħtieġa jissodisfaw biex jiksbu permess għall-użu tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju. L-għarfien tal-GRFC huwa pass meħtieġ qabel ma jittieħdu passi oħra fil-proċess.<br>Iċ-ċentru tal-gwerra elettronika f'Kaliningrad irċieva tagħmir ġdid ta' disturbazzjoni u wettaq eżerċizzji permezz ta' sistemi avvanzati li kapaċi jfixklu komunikazzjonijiet f'żoni mifruxa.<br>Għaldaqstant, GRFC, hija responsabbli li ppjanat, idderiġiet, kienet involuta fi, direttament jew indirettament, appoġġat jew iffaċilitat b'xi mod ieħor azzjonijiet jew politiki tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni u f'bosta Stati Membri tagħha bl-involviment f'azzjonijiet li għandhom fil-mira tagħhom il-funzjonament tal-infrastruttura kritika u permezz tal-appoġġ jew l-iffaċilitar b'mod ieħor tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. | 20.5.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Stark Industries Solutions Ltd. | Data tar-reġistrazzjoni: 10.2.2022<br>Indirizz: 71-75 Shelton Street, Covent Garden, London, United Kingdom<br>(indirizz maildrop)<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 13906017<br>https://stark-industries.solutions/<br>https://pq.hosting/ | Stark Industries Solutions Ltd. hija servizz tal-hosting tal-web irreġistrata bħala kumpanija maildrop fir-Renju Unit. Stark Industries Solutions Ltd. hija propjetà taċ-ċittadini Moldovani Ivan Neculiti u Iurie Neculiti u operata minnhom permezz tas-servizz tal-hosting tal-web PQ Hosting. Il-kumpanija tipprovdi hosting ta' servers, b'servers madwar id-dinja kollha.<br>Il-kumpanija Stark tippermetti lil diversi atturi sponsorizzati mill-istat Russu u affiljati miegħu li jwettqu attivitajiet destabilizzanti inkluż manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u ċiberattakki kontra l-Unjoni u pajjiżi terzi, billi tipprovdi servizzi maħsuba biex jaħbu dawn l-attivitajiet mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà Ewropej.<br>Għaldaqstant, Stark Industries Solutions Ltd. qed tappoġġa azzjonijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jheddu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha u f'pajjiż terz, billi tiffaċilita l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati u billi tiffaċilita azzjonijiet immirati kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku.<br>Stark hija assoċjata ma' Ivan Neculiti u Iurie Neculiti. | 20.5.2025." |